



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 181/23

il-Lussemburgu, 28 ta' Novembru 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-148/22 | Commune d'Ans

L-ilbies ta' simboli reliġjużi fuq il-post tax-xogħol: amministrazzjoni pubblika tista' tiddeċiedi li tipprojbixxi l-ilbies ta' tali sinjali lill-impjegati kollha tagħha

Il-qrati nazzjonali jistħarrġu jekk il-miżuri meħuda jirrikonċiljawx il-libertà tar-reliġjon mal-għanijiet leġittimi li fuqhom hija bbażata din il-projbizzjoni

Sabiex jinħoloq ambjent amministrattiv totalment newtrali, amministrazzjoni pubblika tista' tipprojbixxi l-ilbies viżibbli fuq il-post tax-xogħol ta' kwalunkwe simbolu li jiżvela twemmin filosofiku jew reliġjuż. Tali regola ma tkunx diskriminatorja jekk tiġi applikata b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni għall-persunal kollu ta' din l-amministrazzjoni u tkun limitata għal dak li jkun strettament neċessarju.

Impjegata tal-Komun ta' Ans (il-Belġju), li teżerċita l-funzjonijiet tagħha ta' kap tal-uffiċċju prinċipalment mingħajr kuntatt mal-utenti tas-servizz pubbliku, ġiet ipprojbita milli tilbes il-velu Iżlamiku fuq il-post tax-xogħol tagħha. Wara dan, il-komun emenda r-regoli tax-xogħol tiegħu u minn dakinhar 'il quddiem jimponi fuq l-impjegati tiegħu l-obbligu li jirrispettaw newtralità stretta: kull forma ta' aġir favur twemmin huwa pprojbit u l-ilbies ta' simboli prominenti ta' twemmin ideoloġiku jew reliġjuż huma pprojbiti għal kull ħaddiem, inklużi dawk li ma f'kuntatt mal-pubbliku. Il-persuna kkonċernata talbet li jiġi kkonstatat li l-libertà tar-reliġjon tagħha nkisret u li hija kienet vittima ta' diskriminazzjoni.

Il-Qorti Industrijali ta' Liège, li quddiemha tressqet il-kawża, staqsiet jekk ir-regola ta' newtralità stretta imposta mill-komun toħloq diskriminazzjoni li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni Ewropea¹.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi li l-**politika ta' newtralità stretta** li amministrazzjoni pubblika timponi fuq il-ħaddiema tagħha sabiex tistabbilixxi fi ħdanha ambjent amministrattiv totalment newtrali **tista' titqies li hija oġġettivament iġġustifikata minn għan leġittimu**. Hija wkoll iġġustifikata l-għażla ta' amministrazzjoni pubblika oħra favur politika li tawtorizza, b'mod ġenerali u mingħajr distinzjoni, l-ilbies ta' simboli viżibbli ta' twemmin, b'mod partikolari, filosofiċi jew reliġjużi, inkluż fil-kuntatti mal-utenti, jew projbizzjoni tal-ilbies ta' tali simboli limitata għas-sitwazzjonijiet li jinvolve tali kuntatti.

Fil-fatt, kull Stat Membru, u kull entità infrastatali fil-kuntest tal-kompetenzi tiegħu, għandu marġni ta' diskrezzjoni fil-kunċett tan-newtralità tas-servizz pubbliku li huwa jkun jixtieq jippromwovi fuq il-post tax-xogħol, **skont il-kuntest speċifiku tiegħu**. Madankollu, dan l-għan għandu jiġi segwit b'mod **koerenti u sistematiku**, u l-miżuri adottati sabiex dan jintlaħaq għandhom ikunu limitati għal dak li jkun **strettament neċessarju**.

Huma l-qrati nazzjonali li għandhom jivverifikaw l-osservanza ta' dawn ir-rekwiżiti.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, jekk ikun il-każ, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ [Direttiva Tal-Kunsill 2000/78/KE](#) tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol.